MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 513/2010

**Intercomp Marketing Limited – C20612**

**vs**

**Helen Mallia – ID-552574M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' April tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€822.20) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' *computer hardware* mixtri minn ghand is-socjeta` attrici kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok "A", "B" u "C"; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u cioe` mill-5 ta' April 2008 kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata mhux biss ma resqet l-ebda risposta ghal kontestazzjoni ghat-talba attrici, izda fis-seduta tallum stess il-konsulent legali taghha Dr. Andy Ellul fil-prezenza ta' l-istess konvenuta pprezenta nota ta' ammissjoni fir-rigward tat-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta u dana *stante* li intlahaq ftehim bejn l-istess socjeta` attrici u l-konvenuta, fis-sens illi l-ammont mitlub kellu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin ewro (€50).
Jigi notat ukoll illi fin-nota ta' ammissjoni prezentata llum stess il-konvenuta ddikjarat li qed tammetti li ghandha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont komplessiv ta' elf mija tmienja u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,148.58) u dan *nonostante* l-fatt illi l-ammont tas-sorte mitlub huwa ta' tmien mija u tnejn u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€822.20). Din id-diskrepenza kontra l-konvenuta tista' biss tinftihem peress illi zdiedu l-imghaxijiet u gew inkluzi l-imghaxijiet kif mitlub fl-avviz.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni ta' l-istess konvenuta t-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija tmienja u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,148.58) bl-imghaxijiet legali pero` dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------